MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 49/2014

**Hesham Zayed (gja Halal) u Caroline Gatt f' isimhom proprju u bhala r-rapprezentanti ta' uliedhom minuri Ahmed u Ibrahim, ahwa Halal [I.D. 282613(L) u 86779 (M)]**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ **Hesham Zayed u Caroline Gatt** datat 21 ta’ Jannar 2014 fejn bil-gurament taghhom esponew : -

Illi, preliminarjament jigi rilevat li dan ir-rikors qieghed jigi redatt u pprezentat lil dina l-Onorabbli Qorti *ai termini* tal-Art. **253** *et seq.* **tal-Kodici Civili [Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta];**

Illi, **Hesham Zayed (gja Halal)** detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru **282613(L),** twieled nhar **it-30 ta' Settembru, 1976** gewwa Tripoli, Libja, frott iz-zwieg, skont ir-rit Musulman, bejn **Ibrahim Zayed u Latifa Addali** *[vide* DOK'A' - Att tat-twelid ta' Hesham Zayed];

Illi, hija l-uzanza fid-dinja Gharbija li l-mara ma tiehux kunjom ir-ragel wara z-zwieg;

Illi, l-isem tat-tfal skont l-uzanza Gharbija jiehu din l-ordni:

(a) Isimhom;

(b) Isem Missierhom;

(c) Isem Nannuhom;

(d) Kunjomhom;

Illi, is-sekwenza tal-ismijiet kollha jigi sussegwentement riportat fuq il-passaporti taghhom u l-ahhar isem, li huwa isem nannuhom, jigi riportat bhala kunjomhom *[vide* DOK 'B' - Kopja tal-passaport Libjan];

Illi, Hesham Zayed gie f’Malta u beda jsir maghruf erronjament ufficjalment bil-kunjom **'Halal'** u mhux **'Zayed'** kif suppost;

Illi, fis-16 **ta' Novembru 2007** l-esponent **Hesham Zayed (gja Halal)** izzewweg **lil Caroline Gatt** detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru (m) u huma llum it-tnejn residenti gewwa **'Redeemer', Blk B, Fl.2, Triq il-Barklor, Hal-Ghaxaq** *[vide* DOK'C' - Kopja tal-Att taz-Zwieg];

Illi, *ai termini* **tat-Tielet Taqsima tal-Kodici Civili [Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta]** ghal dak li jirrigwarda **Hesham Zayed u Caroline Gatt [DOK'C']:**

| | | |
|---|---|---|
| (a) | Data tal-Att | 16 ta' Novembru, 2007 |
| (b) | Isem u konjom (kull fejn ikun hemm) data u postat tat-twelid u residenza tar-ragel u tal-mara | |
| | Isem u konjom ir-Ragel | Hesham Ibrahim Halal |
| | Data tat-Twelid tar-Ragel | 30 ta' Settembru 1976 |
| | Post tat-Twelid tar-Ragel | Tripoli, Libja |
| | | 'Redeemer', Blk B, Fl.2, Triq tal-Barklor, Hal- |

| | | |
|---|---|---|
| | Post tar-Residenza tar-Ragel | Ghaxaq |
| | Isem u Konjom il-Mara | Caroline Gatt |
| | Data tat-Twelid tal-Mara | 13/02/1979 |
| | Post tat-Twelid tal-Mara | Pieta` |
| | Post tar-residenza tal-Mara | 'Silverstone', DunManuel Zammit Street, Siggiewi |
| (c) | Isem u konjom tal-missier u isem, kunjom u kunjom xbubiet l-omm tar-ragel u tal-mara | |
| | Isem u konjom il-Missier tar-Ragel | Ibrahim Halal |
| | Isem u konjom l-Omm tar-Ragel | Lutifa El-Dalli |
| | Isem u kunjom il-Missier tal-Mara | Nicholas Gatt |
| | Isem u konjom xebba tal-Omm il-Mara | Josephine Gatt nee" Cardona |
| (d) | Il-partikolaritajiet kollha tax-xhieda | |
| | Salem Benhalim | Salah Sharif |
| (e) | Il-knisja, kappella jew post iehor fejn sar iz-zwieg | |

| | |
|---|---|
| | Ir-Registru taz-Zwieg, il-Belt Valletta |

Illi, frott iz-zwieg tal-konjugi esponenti Zayed (gja Halal) u Gatt twieldu zewgt itfal, **Ibrahim u Ahmed,** ahwa **Halal** *[vide* DOK 'D' u 'E' - Kopji tal-Atti tat-twelid rispettivi];

Illi, *ai termini* **tat-Tielet Taqsima tal-Kodici Civili [Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta]** ghal dak li jirrigwarda **Ibrahim Halal [DOK'D']:**

| | | |
|---|---|---|
| (a) | Data tal-Att | 19/06/2008 |
| (b) | Numru Progressiv | 1963 |
| (c) | Post tat-twelid tat-tarbija | Sptar Mater Dei, Tal-Qroqq, limiti tal-Imsida |
| (d) | Sess tat-tarbija | Maskili |
| (e) | Ismijiet moghtija lit-tarbija | Ibrahim Halal |
| (g) | Isem jew ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tissejjah | Ibrahim |
| (g) | Eta` u post tat-twelid u residenza | |
| (i) | tal-genituri tat-tarbija | |
| | Eta` tal-Missier | 31 sena |
| | Post tat-twelid tal- | Tripoli, Libja |

| | | |
|---|---|---|
| | Missier | |
| | Residenza tal-Missier | 'Redeemer', Blk B, F1.2, Triq tal-Barklor, Hal-Ghaxaq |
| | Eta` tal-Omm | 29 sena |
| | Post tat-twelid tal-Omm | Pieta` Malta |
| | Residenza tal-Omm | 'Redeemer', Blk B, Fl.2, Triq tal-Barklor, Hal-Ghaxaq |
| (ii) | tal-persuna li taghmel id-dikjarazzjoni | |
| | Eta` | Mhux Applikabbli |
| | Post-tat-twelid | Mhux Applikabbli |
| | Residenza | Mhux Applikabbli |
| (h) | L-isem u konjom tan-nanniet tat-tarbija u tal-missier tal-persuna li taghmel id-dikjarazzjoni | |
| In-Nanniet Paternali | | |
| Ibrahim Halal u Lutfia El-Dalli | | |

**In-Nanniet maternali;** Nicholas Gatt u Josephine Gatt

**Missier il-persuna li taghmel id-dikjarazzjoni;** Mhux applikabbli

(i) **Jekk in-nanniet tat-tarbija jew missier il-persuna li taghmel id-dikjarazzjoni humiex hajjin jew mejtin;** Hajjin

**(j) Il-partikolaritijaiet kollha tax-xhieda jekk ikun hemm;**

Mhux Applikabbli

Illi, *ai termini* **tat-Tielet Taqsima tal-Kodici Civili [Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta]** ghal dak li jirrigwarda **Ahmed Halal [DDK 'E']:**

| | | |
|---|---|---|
| (a) | Data tal-Att | 23/07/2010 |
| (b) | Numru Progressiv | 2166 |
| (b) | Post tat-twelid tat-tarbija | Sptar Mater Dei, Tal-Qroqq, limiti tal-Imsida |
| (c) | Sess tat-tarbija | Maskili |
| (d) | Ismijiet moghtija lit-tarbija | Ahmed Halal |
| (e) | Isem jew ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tissejjah | Ahmed |
| (f) | Eta` u post tat-twelid u residenza | |
| (i) tal-genituri tat-tarbija | | |

| | | |
|---|---|---|
| | Eta` tal-Missier | 33 sena |
| | Post tat-twelid tal-Missier | Tripoli, Libja |
| | Residenza tal-Missier | 'Redeemer', Blk B, Fl.2, Triq tal-Barklor, Hal-Ghaxaq |
| | Eta` tal-Omm | 31 sena |
| | Post tat-twelid tal-Omm | Pieta' Malta |

Residenza tal-Omm - 'Redeemer', Blk B, Fl.2, Triq tal-Barklor, Hal-Ghaxaq.

**(ii) tal-persuna li taghmel id-dikjarazzjoni**

Eta`; mhux applikabbli;

Post-tat-twelid; mhux applikabbli;

Residenza; mhux applikabbli

**(g) L-isem u konjom tan-nanniet tat-tarbija u tal-missier tal-persuna li taghmel id-dikjarazzjoni;**

**In-Nanniet Paternali;** Ibrahim Halal u Lutfia El-Dalli

**In-Nanniet maternali;** Nicholas Gatt u Josephine Gatt

**Missier il-persuna li taghmel id-dikjarazzjoni;** Mhux applikabbli

**(h) Jekk in-nanniet tat-tarbija jew missier il-persuna li taghmel id-dikjarazzjoni humiex hajjin jew mejtin:** hajjin

**(i) Il-partikolaritajiet kollha tax-xhieda jekk ikun hemm;**

mhux Applikabbli.

Illi, fl-14.06.2013, Hesham Zayed (gja Halal) talab, kiseb u ottjena certifkat ta' naturalizzazjoni mid-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u *Expatriate Affairs* u b'hekk sar cittadin Malti ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi *[vide* DOK 'F', 'G' u 'H' - Kopji tad-dikjarazzjoni ta' naturalizzazjoni, tal-passaport Malti u tal-karta tal-identita` Maltija] bil-kunjom imnizzel kif suppost **'ZAYED'** u mhux **'HALAL';**

Illi, Hesham Zayed jixtieq issa li l-attti kollha emanenti mill-att tat-twelid tieghu hawn anness, jigu kkoreguti sabiex jirriflettu dan l-istat tal-kunjom, sija f'dawk l-atti pertinenti lilu kif ukoll f'dawk li jappertjenu lid-dixxendenti tieghu u dan *a tenur* tal-Art. **253(3) *et seq* tal-Kodici Civili [Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta];**

Illi, permezz tad-digriet taghha tas-7 ta' Novembru 2013, l-Onorabbli Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Notarili, fuq rikors fl-ismijiet *Hesham Zayed (gja Halal) u Caroline Gatt f'isimhom propju u bhala r-rapprezntanti ta' uliedhom minuri Ahmed u Ibrahim, ahwa Halal* liema Rikors igib in-

numru 148/13, laqghet it-talba tar-rikorrent li l-Att taz-Zwieg biss jigi kkoregut billi jithassar il-kunjom **'HALAL'** u jigi sostiwit bil-kunjom '**ZAYED**', kopja ta' liema digriet qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok ‘I’ u, konsegwentement, ghal bqija tal-korrezzjonijiet mitluba fl-Atti ta' Twelid kellha issir din il-kawza;

Ghaldaqstant, umilment jitolbu l-esponenti, *a tenur* tal-provi dokumentarji kollha hawn annessi, kif ukoll dawk il-provi kollha producibbli fl-istadju opportun tas-smigh tal-kawza, sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li:

1. Fl-**Att ta' Twelid** li jgib in-numru **0042806** bin-numru progressiv **2166** li jgib id-data 23.07.2010 fil-kolonna intestata ***'Isem u Kunjom - Taghrif dwar Missier it-tarbija',*** kunjom **Hesham Halal** jigi sostitwit bil-kunjom **'ZAYED';** u sussegwentement tordna li -

2. Fl-**Att ta' Twelid** li jgib in-numru **0042806** bin-numru progressiv **2166** li jgib id-data 23.07.2010 fil-kolonna intestata ***'Isem u Kunjom - Taghrif dwar l-Omm',*** il-kunjom **Halal** jigi sostitwit bil-kunjom **'ZAYED';** u

3. Fl-**Att ta' Twelid** li jgib in-numru **0042806** bin-numru progressiv **2166** li jgib id-data 23.07.2010 fil-kolonna intestata ***'Isem jew ismijiet li bin/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha AND SURNAME'*** - il-kunjom **Halal** jigi sostitwit bil-kunjom **'ZAYED';** u

4. Fl-**Att ta' Twelid** li jgib in-numru **0042807** bin-numru progressiv **1963** li jgib id-data **19.06.2008** fil-kolonna intestata ***'Isem u Kunjom - Taghrif***

***dwar Missier it-tarbija',*** il-kunjom **Halal** jigi sostitwit bil-kunjom **'ZAYED'**; u

5. Fl-**Att ta' Twelid** li jgib in-numru **0042807** bin-numru progressiv 1963 li jgib id-data **19.06.2008** fil-kolonna intestata **'Isem,** u **Kunjom – taghrif *dwar L-Omm',*** il-kunjom **Halal** jigi sostitwit bil-kunjom **ZAYED**; u

6. Fl-**Att ta' Twelid** li jgib in-numru **0042807** bin-numru progressiv **1963**, jgib id-data **19.06.2008** fil-kolonna intestata ***'Isem jew ismijiet* li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha *AND SURNAME'*** - il-kunjom **Halal** jigi sostitwit bil-kunjom **'ZAYED'**;

Tant ghandu l-unur jissottometti l-esponent ghas-Savju Gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-27 ta' Marzu 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 5 ta' Settembru 2014 (fol 15) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu ddikjara u kkonferma dan li ġej:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* **tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi r-rikorrenti in succint qeghdin jilmentaw li l-informazzjoni li tinsab fic-certifikati tat-twelid ta’ uliedhom il-minuri Ahmed u Ibrahim, f’ dak li ghandu x’jaqsam mal-kunjom tal-istess Hesham hija zbaljata fis-sens li kunjom ir-rikorrenti huwa "Zayed" u mhux "Halal".

3. Illi fir-rigward tac-certifikat tat-twelid ta' Ahmed Halal (anness u mmarkat Dok DRP 1) id-dettalji kif inseriti fl-att huwa dawk indikati minn missierhom Hesham stess meta huwa ghamel in-notifika tat-twelid tal-minuri. Kien huwa stess li indika li isem u kunjom il-minuri ghandu jkun "Ahmed Halal". F'dik is-sena kienet diga` qed tintuza id-dikjarazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 292A** tal-Kap 16 li fiha jigi stabbilit il-kunjom li l-minuri ghandu jassumi. F'dan il-kaz galadarba fuq l-att tat-twelid kunjom il-minuri gie indikat bhala "Halal", dan kien abbazi ta’ din id-dikjarazzjoni maghmula mill-missier stess peress li kien hu li ghamel in-notifika tat-twelid. Huwa kien ukoll iddikjara fuq l-att tat-twelid li ismu, bhala l-missier tal-minuri kien "Hesham Halal" u li missieru (n-nannu tal-minuri) kien Ibrahim Halal. Meta r-rikorrenti kien gie biex jaghmel in-notifika tat-twelid tal-minuri, l-att tat-twelid gie moghti lilu biex jiccekja li l-informazzjoni hija wahda korretta u sabiex wara li jikkonferma dan huwa jiffirma l-att. F'dan il-kaz huwa iffirma l-att u allura kkonferma li l-informazzjoni hija wahda korretta. Kif jidher mill-istess att tat-twelid, id-dokument ta’ identifikazzjoni li pprezenta r-rikorrenti kien il-karta ta’ identita` tieghu (Dok. DRP2) fuq liema huwa kien indikat bhala "Hesham Halal".

4. Illi fir-rigward tac-certifikat tat-twelied ta' Ibrahim Halal (Dok. DRP 3) l-istess affarijiet japplikaw fis-sens li kien ukoll ir-rikorrenti Hesham Halal li ghamel, id-dikjarazzjoni fuq l-att tat-twelid ghalhekk l-informazzjoni hija hekk kif iddikjarata minnu stess. Huwa kien ipprezenta bhala dokument ta’ identifikazzjoni l-passaport, tieghu mahrug mil-Libja li fuqu jinsab indikat bhala "Hesham Ibrahim Halal (Dok DRP – 4 u 5) u ghaldaqstant meta saret, ir-registrazzjoni kien dan l-isem li dikjarat li kien

ismu li gie imnizzel fl-att. Huwa indika wkoll liI missieru bhala "Ibrahim Halal". Ir-rikorrent gie moghti dan l-att bl-informazzjoni kif indikata minnu stess u huwa ffirma dan l-att biex allura kkonferma li d-dettalji huma korretti.

5. Illi ghalhekk jidher bic-car li dan ma hux li r-rikorrenti kien sar maghruf erronjament ufficjalment bil-kunjom "Halal" izda kaz fejn hu iddikara li kien konjomu u anki d-dokumenti ta' identifikazzjoni tieghu kienu juruh b'tali kunjom.

6. Illi ghaIdaqstant kif jirrizulta minn dawn id-dokumenti kollha ma kienx hemm zball li jimmerita korrezzjoni peress li fil-punt ta' registrazzjoni kienu inghataw dettalji mir-rikorrenti stess li kienu sostnuti minn dokumentazzjoni ohra li kellhom jitnizzlu fuq I-atti in kwistjoni.

7. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal, xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta' Marzu 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr Cordina rrimetti ruhu ghar-rapport ta' Nadia Lanzon u m'ghandux provi ohra xi jressaq. Id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz u l-kap tal-ispejjez. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta' Mejju 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi r-rikorrenti *nomine* qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* **tal-artikolu 254 tal-Kap.16** saret debitament skont il-Ligi nhar il-11 ta' Frar 2014 (fol.30 tal-process).

Illi r-rikorrenti in succint qeghdin jitolbu korrezzjoni fic-certifikati tat-twelid ta' uliedhom il-minuri Ahmed u Ibrahim, f' dak li ghandu x'jaqsam mal-kunjom tal-istess rikorrenti, genituri tal-minuri, li jghidu li hija zbaljata fis-sens li kunjom ir-rikorrenti huwa "Zayed" u mhux "Halal".

In sostenn tat-talbiet taghhom esibew kopji ta' diversi dokumenti inkluz il-passaport u karta tal-identita' tar-rikorrent, oltre affidavit tieghu.

Illi l-Qorti dejjem trid timxi b'kawtela fejn dak li qed jintalab huwa l-bidla fil-kunjom ghaliex huwa proprju l-kunjom li jidentifika l-bniedem fir-relazzjonijiet tieghu mal-Istat.

Illi jirrizulta li hemm konflitt bejn ic-certifikati ufficjali rilaxxjati mill-awtoritajiet Maltin f'dak li hu kunjom ir-rikorrent.

Illi fis-7 ta' Novembru 2013, il-Qorti tar-Revizjoni ta' l-Atti Nutarili laqghat it-talba tar-rikorrenti billi ordnat li l-kunjom 'Halal' jigi sostitwit bil-kunjom 'Zayed' fl-att taz-Zwieg taghhom kif ukoll ordnat korrezzjonijiet ohra fl-istess Att kif jirrizulta mill-kopja tad-Digriet esebita a fol.20 u 21 tal-process.

Illi l-kunjom 'Halal' jirrizulta wkoll mill-kopja tal-passaport Libjan esebit mir-rikorrenti, senjatament fit-traduzzjoni bil-lingwa Ingliza li huwa inkorporat fl-imsemmi dokument. L-Intimat irrileva li ir-rikorrent stess kien iffirma l-att ta' twelid ta' uliedu izda l-Qorti rat il-kopji tal-att taz-zewgt itfal esebiti mill-istess Direttur bhala **DOK DRP1 u DRP2** u ma tistax tiddecifra l-kunjom minn qari tal-firma tad-dikjarant.

Inoltre l-Intimat esebixxa kopja ta' karta tal-Identita' ta' Hesham Halal bin-numru 0027214A li hija n-numru imnizzel fuq ic-certifikat tat-twelid ta' Ahmed Halal (**DOK DRP1)** bhala n-numru tal-Karta tal-Identita' ta' missier it-tarbija.

Dan jista' jigi spjegat billi l-karta tal-Identita' 0282613L fejn il-kunjom tar-rikorrent huwa imnizzel bhala 'Zayed' giet rilaxxjata fil-25-6-2013 cioe` wara r-registrazzjoni tal-att tat-twelid tar-rikorrent u wara t-twelid tal-minuri.

**Hesham Zayed** xehed b'affidavit (fol 42-43) u spjega li l-kunjom 'Halal' u isem in-nannu tieghu. Skont l-usanza f'pajjizu, l-isem moghti u segwit b'isem il-missier, imbaghad b'isem in-nannu patern u fl-ahhar bil-kunjom. It-traduzzjoni bl-Ingliz fuq il-passaport Libjan tieghu hija maghmula mill-ufficjal inkarigat f'pajjizu. Meta applika ghac-cittadinanza Maltija kellu jipprezenta kopja tal-att tat-twelid originali Libjan tieghu minn fejn kien

jidher car li kunjom kien 'Zayed' u mhux 'Halal'. Xehed ukoll li t-tielet wild tieghu, 'Anas', gie registrat korrettement bil-kunjom 'Zayed.'

Meta xehed *viva voce*[1] qal ukoll li kien gharraf lill-ufficjali tar-Registru Pubbliku b'kunjomu meta mar biex jirregistra t-twelid ta' uliedu izda ma setghux jnizzlu l-kunjom 'Zayed' billi kellhom isegwu dak li kien imnizzel fil-passaport u fil-Karta tal-Identita'.

L-intimat **Direttur tar-Registru Pubbliku** wkoll ipprezenta affidavit (Fol.49 sa 51) fejn spjega li meta r-rikorrent mar biex jirregistra t-twelid ta' uliedu gie mitlub jipprezenta dokument ta' identifikazzjoni. Hu pprezenta l-passaport Libjan tieghu u l-Karta tal-Identita' tieghu li t-tnejn kienu juru li kunjomu kien 'Halal'. Id-Dipartiment bilfors jistrieh fuq dawn id-dokumenti. Inoltre meta intalab biex jaghti dettalji dwar missieru, (in-nannu patern tat-tarbija) hu ddikjara li kien jismu 'Ibrahim Halal' u mkien ma indika li kunjom missieru kien 'Zayed'.

Id-Direttur iddepona wkoll li l-prassi hija li l-att jigi moqri lid-dikjaranti. F'dan il-kaz ma jirrizultax li r-rikorrent talab korrezzjoni fl-atti ta' uliedu kif gew registrati.  Inoltre, meta r-rikorrenti applikaw ghall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet, kellu jipprezenta kopja tal-att ta' twelid tieghu. L-Intimat esebixxa kopja ta' dan id-dokument (**DOK F)** fejn isem u kunjom ir-rikorrent hu proprju imnizzel bhala Hesham Ibrahim Halal. Dan il-kunjom jirrizulta wkoll minn dokumenti ohra, aparti l-passaport Libjan, cioe`, mill-*free status certificate* **(DOK I)** li, flimkien mat-traduzzjoni tieghu, giet legalizzata mill-Konsulat Libjan f'Malta; u minn ittra mahruga mill-*Libjan People's Bureau´* f'Malta (**DOK J).**

[1] Seduta  tad-29 ta' Mejju 2014

Billi l-atti mahruga qabel l-akkwist tac-cittadinanza Maltija kienu bbazati fuq l-passaport Libjan tar-rikorrent, il-Qorti ordnat li ssir perizja minn traduttrici esperta fil-lingwa Gharbija fuq diversi dokumenti esebiti fl-atti.[2] Mir-rapport taghha jirrizulta li l-kunjom tar-rikorrent kif muri fuq l-atti mahruga bil-lingwa Gharbija huwa 'Zayed'.

Il-Qorti, wara li rat ir-rapport, tqies li l-kunjom tar-rikorrent huwa ' Zayed' kif jirrizulta mill-att tat-twelid tieghu esebit in atti. Isegwi li uliedu wkoll ghandhom ikollu kunjomu, li huwa l-kunjom tal-familja u hija konformi mal-ligi Maltija.

Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrent salv dwar il-kap tal-ispejjez billi ma rriskontrax l-ebda zball da parti tal-Intimat.

**<u>Konsiderazzjonijiet Dwar ic-Cirkostanzi Partikolari ta' Dan il-Kaz.</u>**

Madanakollu l-affidavit tal-Intimat Direttur iqajjem thassib dwar in-nuqqasijiet li rrizultaw fis-sistema ta' registrazzjoni tal-isem u kunjom ta' barranin, f'dan il-kaz ta' persuna provenjenti minn pajjiz Gharbi li ppermettewlu jghix ghal numru ta' snin f'Malta b'identita' li ma kenitx dik korretta. Kien biss meta kien kostrett jipprezenta l-att tat-twelid Libjan tieghu li rrizulta l-kunjom korrett tieghu kien 'Zayed'. Kif xehed id-Direttur: **"***Illi ta' min jghid li ghal numru ta' snin huwa kien kuntent li ismu u kunjomu kienu qed jidhru hekk fl-atti ghalhiex kien issa biss li gab din l-azzjoni ghall-korrezzjoni."*

[2] *Civil Status Certificate*,(Dok I2), *Att tat-Twelid* (Dok L2 u F2), *passaport* (Dok.C u G)

Dan l-izball grossolan kien meghjun mill-Konsulat Libjan li fis-sena 2007 sahansitra kitbu ittra ghan-nom tar-rikorrent fejn indikawh bl-isem 'Hesham Ibrahim Halal'.

Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti bilfors ikollha tikkondividi t-thassib espress mid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Ghalkemm din il-kawza mhix il-forum approprijat biex tigi diskussa din is-sistema, is-sitwazzjoni li rriskontrat il-Qorti tqajjem thassib tali li ser tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u *Expatriates* sabiex jiehu konjizzjoni tal-istess bil-ghan li jiddahhlu pratiki efficjenti biex dan l-akkadut ma jergax jigi ripetut.

**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tal-Intimat sakemm mhumiex inkompatibbli ma' din is-sentenza, tiddisponi mit-talbiet tal-atturi skont dan li gej:-

1. **Tilqa'** l-ewwel talba u tordna li fl-Att ta' Twelid li jgib in-numru 0042806 bin-numru progressiv 2166 li jgib id-data 23.07.2010 fil-kolonna intestata *'Isem u Kunjom - Taghrif dwar Missier it-tarbija',* kunjom **Hesham Halal** jigi sostitwit bil-kunjom **'ZAYED';**

2. **Tilqa'** t-tieni talba u tordna li fl-**Att** ta' Twelid li jgib in-numru 0042806 bin-numru progressiv 2166 li jgib id-data 23.07.2010 fil-kolonna intestata

*'Isem u Kunjom - Taghrif dwar l-Omm'*, il-kunjom **Halal** jigi sostitwit bil-kunjom **'ZAYED';** u

3. **Tilqa'** t-tielet talba u tordna li fl-Att ta' Twelid li jgib in-numru 0042806 bin-numru progressiv 2166 li jgib id-data 23.07.2010 fil-kolonna intestata *'Isem jew ismijiet li bin/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha* ***'and surname' -*** il-kunjom **Halal** jigi sostitwit bil-kunjom **'ZAYED';** u

4. **Tilqa'** r-raba' talba u tordna li fl-Att ta' Twelid li jgib in-numru 0042807 bin-numru progressiv 1963 li jgib id-data 19.06.2008 fil-kolonna intestata *'Isem u Kunjom - Taghrif dwar Missier it-tarbija',* il-kunjom **Halal** jigi sostitwit bil-kunjom **'ZAYED'**; u

5. **Tilqa'** l-hames talba u tordna li fl-Att ta' Twelid li jgib in-numru 0042807 bin-numru progressiv 1963 li jgib id-data 19.06.2008 fil-kolonna intestata 'Isem, u Kunjom – taghrif *dwar L-Omm',* il-kunjom **Halal** jigi sostitwit bil-kunjom **ZAYED**; u

6 **Tilqa'** s-sitt talba u tordna li fl-Att ta' Twelid li jgib in-numru 0042807 bin-numru progressiv 1963, jgib id-data 19.06.2008 fil-kolonna intestata *'Isem jew ismijiet* li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha *'**and surname'*** – il-kunjom **Halal** jigi sostitwit bil-kunjom **'ZAYED'**;

Tordna wkoll illi kopja tal-eventwali decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti tigi notifikata *ai termini* tal-Artiklu 256 tal-Kodici Civili sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* sabiex tieħu konjizzjoni tal-istess.

**L-ispejjeż jitħallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------